MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 802/2009

**Vodafone Limited (C-10865)**
**Vs**
**Anthony Debono (K.I.  471749M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ erba’ mija, hamsa u ghoxrin ewro u seba’ centezmi (€425.07) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici in konnessjoni ma *mobile phone* bin-numru 7947 1749.

Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas il-pagament effettiv izda dan baqa’ inadempjenti u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat konteswalment u tal-mandat ta’ qbid numerat 1399/09 u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-avviz sad-data tal-

pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa li t-talba attrici qieghda tigi kkonntestata stante li hija wahda eccessiva billi l-uniku ammont li huwa dovut mill-konvenut huwa wiehed li ma jeccedix mija u erbghin ewro (€140) u dan ser jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti in atti.

Sema’ x-xhieda ta’ Anthony Debono, Anthony Bonnici u ta’ Maria Concetta sive Connie Grixti.

Sema’ t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghal hlas ta’ ammont dovut lis-socjeta’ attrici mill-attur konsistenti f’kont mhux imhallsa ghall-uzu ta’ *mobile phone* bin-numru 7947 1749 kif ukoll ghal tlett xhur kiri ta’ linja ghal dan is-servizz liema kont tal-kiri qieghed jigi kkontestat mill-konvenut.

Illi mill-provi jirrizulta li l-konvenut kien ffirma ftehim numerat 3245562 fil-21 ta’ April, 2008 bin-numru ta’ *mobile phone* 7947 1749 abbonat ma’ dan il-ftehim mas-socjeta’ attrici. Irrizulta li fit-8 ta’ Awissu, 2008 is-socjeta’ attrici kienet issospendiet il-linja tal-konvenut u ghalhekk ma setghax jaghmel iktar uzu minn din il-linja. Illi meta l-linja giet sospiza mis-socjeta’ attrici kien fadal x’jithallas il-kera ta’ xahar bil-quddiem sa Settembru, 2008.

Illi mill-provi dokumentali jirrizulta li sal-1 ta’ Gunju, 2008 kien ghad fadal bilanc ta’ mija wiehed u erbghin ewro u tlieta u sittin centezmu (€141.63) li kien jinkludi il-kera ta’ Gunju, 2008. Illi sa l-01 ta’ Lulju 2008 il-bilanc fil-kont mibghut mis-socjeta’ attrici kien ta’ tliet mija u tmien ewro u disgha u sittin centezmu (€308.69) li jinkludi l-kera tax-xahar ta’ Lulju, 2008. Illi sal-01 ta’ Awwissu 2008 kien

qieghed jidher bilanc ta' tliet mija, wiehed u disghin ewro (€391.00) li jinkludi l-kera ta' Awwissu, 2008 u l-kontijiet tax-xhur ta' qabel li ma gewx imhallsa. Illi sal-1 ta' Settembru, 2008 kien qieghed jidher bilanc mhux imhallas ta' erba' mija, sitta u ghoxrin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€426.71) li kien jinkludi l-kera ta' Settembru,2008.

Illi mill-provi dokumentali lit-Tirbunal jirrizultalu li mad-daqqa' t'ghajn, il-kontijiet jizelevaw li hemm numri li gew uzati recentement u in komuni bejn l-erba' kontijiet mahruga mis-socjeta' attrici lill-konvenut waqt illi kien ghadu klijent taghhom. Illi jirrizulta car illi kien sar uzu minn *mobile phone* li jgib in-numru 7947 1749, numru tal-kuntratt:324562, (Dok CG 6 a fol 55 et seq tal-processs) sas-6 ta' Awissu, 2008 u li din il-linja giet uzata fuq numri diga uzati f'kontijiet antecedenti. Illi l-linja giet sospiza ghaliex il-konvenut ma kienx qieghed ihallas u sussegwentement l-linja giet maqtugha fl-10 ta' Ottubru, 2008. Huwa ntalab ihallas il-kera shiha sa Settembru, 2008.

It-Tribunal jifhem illi sakemm il-linja giet sospiza u cioe' sat-8 ta' Awissu, 2008 il-konvenut kellu l-obbligu li jhallas il-kont dovut minnu sa dik-il-gurnata inkluza il-kirja ta' xahar bil-quddiem. Illi dawn il-kundizzjonijiet huma parti mil-ftehim li huwa kien iffirma mas-socjeta' attrici.

It-Tribunal ma jarax ghalfejn il-konvenut m'ghandux ihallas ghall-kera ta' Settembru, 2008 ghalkemm il-linja kienet sospiza fis-6 ta' Awissu, 2008 . Illi l-fatt li l-linja giet sospiza jirrizulta tort tal-konvenut li ma kienx qieghed ihallas il-kontijiet u li kieku salda d-debitu sa dik il-gurnata l-linja kienet tigi rritornata lilu, izda ghazel li ma jhallasx u ghalhekk xahar wara ghalkemm ma kienx hemm talba min-naha tal-konvenut sabiex tinqata' l-linja, s-socjeta' attrici ikkancellat il- linja.

Illi mill-provi dokumentali jirrzulta li galadarba klijent ikun beda jaghmel uzu tal-linja ghandu jhallas ghall-kera ta' dak ix-xahar.

Wara li sema' u evalwa l-provi kollha migjuba quddiemu, t-Tribunal huwa sodisfatt illi l-kontijiet kollha ezebiti in atti huma dovuti mill-konvenut u li jammontaw fis-somma tat-talba attrici.

Illi t-Tribunal jidhirlu li a sodisfazzjon tieghu, s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Illi ghalkemm huwa minnu li kif inghad mid-difesnur tal-konvenut illi s-sistema ta' kontroll tas-socjeta' attrici mhijiex infallibli, il-konvenut ma gab l-ebda prova kontrarja.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba bl-ispejjez u interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------